# RAJT MA RAJTX

Kitba ta' Ph. Xuereb



Tabilħaqq li dan l-aħħar, dan l-għajdut antik ma kienx baqa' biss eku ta' leġġenda li armajn taf iż-żmiem taż-żmien. Għaliex bit-traskuraġni li fih kienu jinsabu l-inħawi tiegħu veru li kulħadd kien jara, għax it-triq minn Birkirkara għal San Ġiljan passaġġa gmielha. Iżda ħadd ma kien jara, u aktar, imidd idejh għal li kien meħtieġ isir. Anzi, bħas-soltu kien hemm min jiddisponi fil-bidu ta' l-isqaq - dak li illum fadal minnu - minn dak li ma kienx irid.

Iċ-centufolja li kienet tħawwlet b'qima mal-ħajt fejn hemm l-iskrizzjoni li tfakkar li seklu u nofs ilu l-Isqof Mons. Publiju M. Sant kien ta erbgħin jum indulġenza għal min jgħid kredu, kienet rabbiet għeruq sewwa u nfirxet mal-ħajt taċ-ċens ta' Karusu, hekk li għattiet għal kollox l-istess skrizzjoni.



Grezzju ma kienx baqa' jitla' jixgħel il-fanal l-antik, għax ma kienx għadu żgħir biex jixxabbat magħha bis-sellum imserraħ mal-kolonna. Għalhekk kien għamel fanal ieħor fil-baxx. Dan l-aħħar it-triq kienet saret twila u jkollu jgħid ukoll imwiegħra aktar minn qabel b'dak it-traffiku kollu li jgħaddi minn hemm. U Grezzju nnifsu issa armajn qed jara lil Kristu mhux aktar mislub. Għalhekk illum tieħu ħsieb tkebbsu Tereż, Għallanqas toqgħod qrib. Jew Ġużepp jew xi ħaddieħor.

Għax qisu minn dejjem kien hemm min jieħu ħsieb jagħmel dan. Ukoll meta t-triq, sal-bidu tas-snin tletin ta' dan is-seklu li wasal biex jintemm, kienet għadha stramana, anzi kienet għadha waħx, toqtol u tidfen. Hekk kien jagħmel Johnny ta' Żeppumâra, sakemm ma emigrax. U kien hemm min kien ħaseb biex il-kolonna u t-tliet tarġiet ta' taħtu jsiru bil-mużajk.

Sa dak iż-żmien l-aħħar bozza fit-triq kienet kantuniera ma' *Sqaq it-Torri*, kif konna nafuha *t-triq* tal-lum. Bozza armajn tas-sittin tixgħel safranija, minn ħdejh qisha musbieħ il-lejl. U la kien hemm fabbriki u la d-djar qrib. Quddiem kien jinfirex ir-raba' ħamri tal-witgħa fi tlett iħbula kbar li f'kull wieħed minnhom telgħu żewġ fabbriki. It-triq kienet isserrep għal wara l-ġnien/*parking* li hemm illum, flok il-parti dritta li terġa' taqbad fejn għad fadal biċċa minn Sqaq Summiena. Ftit 'l isfel minn dan kien hemm sqaq ieħor jitla' ma' l-għolja u n-naħa l-oħra razzett żgħir b'żebbuġa kbira maġembu, li minn fejnhom kien jibda Wied Għollieqa.

Fuq il-ħajt tas-sejjieħ qrib dan ta' l-aħħar kien hemm ġebla b'salib u kitba li tfakkar bandist, li forsi għalkemm ħlief f'kunjomu ma kellux annati, kien waqa' u miet hemm nhar il-Ġimgħa l-Kbira tal-1933 meta kien fi triqtu

lejn Ħal-Qormi fejn kien sejjer idoqq fil-purċissjoni. Il-kitba biss għadha fuq il-ħajt il-ġdid wara li l-maltempata ta' Ottubru 1979 kienet ħadet dak li kien sar fis-snin sittin. Oħra aktar riċenti tfakkar mewt oħra, li bħaxxita, Alla biss jaf mita. U Ninu Borg ma kienx jistenna li l-ġiebja li kien għadu kif lesta se tinfetaħ fuqu meta kien qed jimliha għall-ewwel darba f'Novembru tal-1954.

Meta kont tidħol mill-isqaq ta' wara s-salib innifsu kont issib ruħek bejn raba' u xagħri, dan ta' l-aħħar bil-ħarrub, sinonimu mar-Raħal, u festa ta' vegetazzjoni oħra f'kull staġun: salsa pajżana tixxabbat mas-sejjieħ; karfus il-ħmir għall-kenn tal-ħarrub; berwieq u ferli jixgħelu fix-xemx; narċis jinfidlek ruħek fix-xitwa u l-lellux jifforma l-bandiera lokali mal-peprin u l-ħalib it-tajr dik nazzjonali ma' għallet is-serduk; il-fidloqqom u l-ħubbejża lewn ir-randan fi żmienu; l-ingliża ddoqq trombet il-qarsu ma' kullimkien u bosta u bosta oħrajn li ftit jafu b'isimhom.




U mal-mixja l-isqaq kien itenni ġrajjiet li mhux kulħadd jistenna. Kienet titkellem l-ewwel, binja ta' ftit aktar minn ħamsin sena fejn fl-aħħar gwerra kien hemm is-*searchlight* - aktar 'l hemm kien hemm il-fortizza tal-Qroqq li ma kinitx damet ma ddamdmet. Kif kont tħalli l-ewwel sqaq fuq ix-xellug li kien jagħti għal waħda mix-xagħriet, kont tasal ħada r-razzett l-aħmar. Imbagħad fuq ix-xellug kien hemm sqaq ieħor u xagħra oħra fejn fiż-żmien kien jonsob Dun Lawrenz tal-Mitħna.

Aktar 'il ġewwa lejn il-lemin trejqa oħra kienet tingħalaq bix-xatba tar-remissa ta' dak li kien ir-razzett ta' Baskaluwa, l-aktar post li kien 'il ġewwa u fil-għoli fl-inħawi. Iżda lejn ix-xellug, sqaq ieħor kien jieħdok fuq naħa f'barriera qadima, issa kollha ħarrub bħal ġnien li jġib l-għira, bil-girna ta' l-għassa f'tarf dik li kienet ir-rampa. U minn mogħdija taħt il-ħarrub fuq in-naħa l-oħra, kont tasal għall-akbar xagħra ta' l-inħawi.

Din kienet tħares fuq Marsamxett: b'xi dura, xi mansab u l-fdal ta' gorboġ. Kultant ħitan tas-sejjieħ wesgħin qama, fi nħawi aktar, u li min jaf x'qatt setgħu kienu. Biss f'dawn l-inħawi Ċensu Brared kien ħadem u ġiegħel lil min jaħdem ħafna fi żmien il-qawma kontra l-Franċiżi. U kemm kienet tidher sew minn hawn il-Belt Valletta, bil-Furjana magħha, it-tnejn wara s-swar għoljin tagħhom telgħin mill-baħar li jifridhom minn Tas-Sliema u l-Gżira li kienu jinfirxu taħtek sewwa minn hawn fuq.

Jidher li minn dejjem kienu jirrakkontaw bosta ġrajjiet fuq dawn l-inħawi. Kien hemm min jirrakkonta kif fl-imgħoddi, ma' ta' l-imwiet, kien jidher żiemel abjad li kien jinżel b'mod meqjus bin-nagħal iqawqab ritmiku mal-qiegħa tat-triq mhix asfaltata u jasal sa l-ewwel djar ta' Birkirkara qrib Sqaq l-Għoġla. Jingħad ukoll li dawn id-dehriet intemmu għal kollox meta wara li nbena l-Oratorju, kienet bdiet tingħata l-barka sagramentali kuljum fil-għaxijiet.

U b'din taż-żiemel niġu għal storja jew ħrafa oħra, għidulha li tridu. Imma qabel *Enigma* u qabel it-televixin innifsu, bosta



kienu r-rakkonti tax-xorta li kienu jingħadu minn ġenerazzjoni għal oħra fil-għaxijiet, l-aktar f'dawk twal tas-sajf, meta minħabba l-longa ta' l-għomma, il-ġirien kienet iddum fuq l-għetiebi bit-tama ta' xi żiffa. U wara xi jkun ġara dak inhar u s-seksik tas-soltu, erħilha tiġri l-immaġinazzjoni u magħha ma kinitx tonqos niskata qawwija ġmielha ta' superstizzjoni.

Mela f'dan ir-rakkont l-ieħor jingħad li lejla waħda, raġel kien tiela' lura lejn San Gwann ta' l-Għargħar biż-żiemel u l-karettun. Ftit 'l hemm mis-salib sema bħal biki ta' tarbija. Niżel jara x'kien u wara ħajt qalb il-bajtar tax-xewk, jilmaħ tarbija mgeżwra f'xi bċejjeċ. Tħassarha, refagħha u ħadha miegħu f'daru. Martu marret tbiddlilha fisqija nadifa, iżda twerżiqa liema bħalha reġgħet ġabet lil żewġha ħdejha: saqajn it-tarbija kienu bħal taż-żwiemel. Din fetħet għajnejha u amritlu jeħodha lura mnejn kien ġabha.

Rakkont *fantastiku* ieħor, jekk trid, li kien hemm min itenni, kien dak tar-raġel li sikwit kien ikollu jgħaddi minn hemm kmieni ħafna,meta tista' tgħid kien ikun għadu bil-lejl. Kien jitlaq minn San Ġwann ta' l-Għargħar sal-Marsa bil-mixi u miegħu kien żewġ barrin li kellu jwassalhom sal-biċċerija hemmhekk. Kien ikollu fanal biex jara t-triq u xi tiben li kien jużah biex iqabbad ftit minnu wara xi barri li jkun intefagħlu ma' l-art u ma kienx ikun irid ikompli t-triq.

Meta r-raġel kien jasal ħdejn is-salib ta' *Rajt ma Rajtx* kien jara kuljum purċissjoni ta' erwieħ. Kien jarahom forma ta' bnedmin, uħud b'xi xemgħa jew inkella b'xi fanal f'idhom. Dawn kienu jduru tond wadwar is-salib u jkantaw innijiet tal-mejtin. Jingħad li dan kien isir minn *ta' l-imwiet* sal-*paternoster*. Kienet ħaġa li lir-raġel issorprendietu l-ewwel darba biss, u ħadd mill-erwieħ ma kien ikellmu jew jagħti ħjiel li kien jarah għaddej. Huwa kien baqa' jara dan sakemm refa' mix-xogħol. Jgħidu li għalhekk il-Karkariżi antiki kellhom id-drawwa li fil-*paternoster* jgħidu talba biex jinġabru l-erwieħ.

Imma l-akbar ġrajja li tingħad fuq dawn l-inħawi hi dik ta' l-oriġini stess tas-salib innifsu. Mela jingħad li ilu żmien, żewġt irġiel fir-raħal kienu tlewmu bl-ikrah. Wieħed minnhom kien ħarab u tela' jinħeba f'dan l-isqaq. Fit-tarf sewwa kien hemm raġel bil-qiegħda li sellimlu u ma qalu xejn aktar. M'għaddiex wisq ħin li ma telax ukoll it-tieni wieħed u staqsa lil min kien bil-qiegħda jekk kienx ra lil ta' l-ewwel. Wieġbu li ma kienx ilu wisq li daħal fl-isqaq. Għalhekk daħal ifittxu u tħallas minnu hemm stess billi qatlu. Dak li kien bil-qiegħda għalhekk ħassu li kellu sehem mill-ħtija ta' dak li kien ġara u sogħob bih bil-kbir għalli kien ġara. Minn hekk l-isem, laqam jew qawl marbut mas-salib u ma' l-inħawi.

Mhux magħruf jekk is-salib, kif inhu llum, twaqqafx sa minn meta kien ġara l-fatt leġġendarju. Iżda skrizzjoni fil-ġebla tal-franka imqiegħda mal-ħajt tas-sejjieħ qrib, tmur lura sa Awissu tal-1855 meta l-Isqof Sant kien ta l-indulġenza . Aktar 'l isfel fl-iskrizzjoni hemm il-kliem: ***AUDI VIDE TACE - Parole scritte sulla colonna: ISMA' ARA ISKOT - Il-Kliem Miktub fuq il-Kolonna.*** Jista' jkun li s-salib kien sar ġdid jew iġġedded f'dik is-sena, meta kif kien jiġri wkoll għan-niċeċ, kienu intalbu l-indulġenzi msemmija.

U sadattant, is-salib ta': *Rajt Ma Rajtx, Smajt Ma Smajtx,* kien għadu dejjem hemm. Nhar ta' Ħadd wara nofs inhar, bosta kienu jaslu sa ħdejh fil-passiġġata tagħhom. Uħud, l-aktar dawk anzjani, kienu jaslu sa hemm biss u wara waqfa qasira, iċekilmu mill-ġdid 'l isfel. Oħrajn kienu jibqgħu telgħin mit-triq imserrpa bejn is-sejjieħ sa ħdejn il-knisja ta' San Ġwann ta' l-Għargħar, bix-xagħra ta' biswitha, fejn fi żminijiet oħra. t-tfal kienu joqogħdu jaqbdu ż-żrinġijiet.

Jerġa' kien hemm min jibqa' dieħel sas-Santwarju tal-Madonna tal-Minsija bil-palazz ta' Lanzon biswitu fil-misraħ fejn l-istatwa ta' l-Assunta tinqata' mill-art fuq il-kolonna għolja tagħha. Kien hemm ukoll min jibqa' nieżel Wied Għomor, fejn jiltaqa' ma' Wied il-Kbir, jekk ma jibqgħux neżlin hekk mal-wied sa San Ġiljan. Minn hawn imbagħad, jaqbdu t-triq lura lejn ir-raħal minn ħdejn Ta' Lapsi u Ta' Ġorni jekk mhux minn tal-Kirxa u l-Imrabat. Hekk jew hekk, mit-tnejn kien u għad hemm telgħa ġmielha. Dan kien għadu komuni ħafna sa fis-snin sittin ... Imbagħad il-bini beda jiekol kollox u kullimkien... sa ma llum, wara s-salib innifsu, jogħlew it-torrijiet tal-konkrit ta' l-isptar il-ġdid...

Joseph A. Deacon fil-*Birkirkara - Tagħrif (1983)* jgħid li s-salib ta' *Rajt Ma Rajtx* kien waqa' bil-maltemp u sar mill-ġdid fl-1952. Fil-bidu tas-snin tmenin imbagħad, kien għadda minn sensiela ta' vandaliżmi u fl-1983 sar mill-ġdid kurċifiss tal-bronż b' inizjattiva tad-Direttur li dik il-ħabta kien fl-Oratorju qrib. Kien tbierek mill-Arċipriet Ġ. Mifsud Bonniċi fi tmiem *Via Sagra* li kienet bdiet minn Ta' Paris, nhar it-3 ta' April ta' dik is-sena. Iżda anke das-salib kien safa vittma vandalizzat meta nsteraq minnu l-korp ta' Kristu.

Minn dak iż-żmien 'l hawn kien hemm bżonn li ssir dawra sew madwar dan is-salib. Għal dan kienu reġgħu ħasbu xi żgħażagħ ta' l-Oratorju li nhar id-Duluri fil-għaxija, waqt li oħrajn bħas-soltu kienu mal-purċissjoni, kienu bdew jitilgħu jagħtu tindifa xierqa lill-post. Inżabret waħda sew iċ-ċentufolja ta' mal-ħajt biex reġgħet inkixfet l-iskrizzjoni. Tneħħa ħafna ħaxix, terrapien u materjal ieħor li nies bla kuxjenza ma kinux jaħsbuha darbtejn li jitfgħu hemmhekk. Tneħħiet ukoll it-tabella l-qadima ta' l-isem *Birkirkara* li kienet tħalliet hemm mgħawġa u sfigurata meta dan l-aħħar kienet twaħħlet il-ġdida mill-Kunsill Lokali.

Għal Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira, jekk mhux minn nhar id-Duluri stess il-kolonna bdiet tiżżejjen b'dafra ta' rand u weraq ieħor u fil-għaxijiet kien hemm mixegħla bil-fjakkli. Ġieli saret ukoll il-Via Crucis fl-isqaq, fid-dawl tal-fjakkli. Kien hemm il-ħsieb li attivita' bħal din tkompli ssir kull sena għall-Ġimgħa l-Kbira. Imma llum la ta' l-isqaq u l-anqas tal-bqija tar-raba' u x-xagħri magħrufin bħala TAS-SALIB ma fadal ebda ħjiel.

Dan l-aħħar, fuq talba ta' membri ta' l-Oratorju, l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kien ħa ħsieb li jitkompla t-tindif tad-daħla ta' dan l-isqaq u saret bħal bankina bil-*creteprint* madwar is-salib innifsu. Kien ittamat li bil-ko-operazzjoni tal-pubbliku dan il-post hekk sinifikanti għal Birkirkara u das-salib li jgawdi ċerta fama, mhux f'Birkirkara biss, kellu jibqa' jkollu dehra xierqa.

Sadattant, bil-fabbriki li ħadu post ir-raba' Tal-Wâti u l-isptar il-ġdid li tela' flok dak Tas-Salib, ħdejn Rajt Ma Rajtx għad tista' tibqa' tinstema' l-għanja ta' Paul Caruana:

Fuq it-triq ta' Birkirkara
int u sejjer San Ġiljan,
Hemm Salib fuq il-kolonna
b'musbieħ jixgħel lejl u nhar.

Das-salib jekk darba tħares lejh
iqanqallek kurżita'
Għandu storja jrid jirrakkuntaha,
iżda jgħidha ma jistax għax sieket.
Bħat-twissija tant għaqlija
li hemm miktuba fuq il-ħajt:

Rajt, ma rajtx, smajt ma smajtx,
Din hija t-twissija
li hemm miktuba fuq il-ħajt.
Rajt ma rajtx, smajt ma smajtx.
Tara x'tara, tisma' x'tisma'. . .
titkellem xejn ma' ħadd.

Mela darba kien hemm raġel
qed jistrieħ taħt das-salib.
Raġel ieħor daħal jiġri
ġo l-isqaq li hemm fil-qrib.

Dan ir-raġel daħal hemm mifxul
għax warajh kien ġej qattiel.
Hekk kif wasal l-ieħor dlonk ried ħjiel
mingħand dak li kien jistrieħ
U ħiemed qallu: "Ħija, mingħalija
rajtu dieħel f'dan l-isqaq."

Rajt, ma rajtx. . .

Bħal għafrid fl-isqaq mar jiġri
jfittex dak li staħba hemm.
Bi stallett nifidlu qalbu
u ħallih f'għadira demm.

Dak tat-tieni li kien ta l-ħjiel
qal: "B'idejja x'mort għamilt!
Kważi jien dal-povru raġel qtilt
għax ilsieni ma rażżantx, bqajt sieket.
Ngħix fil-piena ħajti kollha
għax ilsieni ma rażżantx.

Rajt, ma rajtx. . .

P.S.
Is-sena li għaddiet is-Salib ta' *Rajt ma rajtx. Smajt ma smajtx* reġa' kien fl-aħbarijiet, meta kif intqal, kien waqa' bir-riħ. Sadanittant waqt li x-xogħlijiet fuq it-toroq u d-daħla għall-isptar il-ġdid għadhom għaddejjin b'ċertu ritmu, is-salib, kif ukoll l-iskrizzjoni li kien hemm mal-ħajt tas-sejjieħ maġenbu, intqal li għadhom merfugħin xi mkien. F'April ta' din is-sena tneħħa l-bqija tal-*monument.* X'se jsir minnhom sakemm qed niktbu (Mejju 2003) għadna ma nafux. Nittamaw li mhux biss ma jgħibux kif għebu affarijiet oħra minn Birkirkara, iżda li dan is-salib leġġendarju jingħata l-post u l-prominenza li dejjem gawda u li għadhom jixirqulu.